

Brussell, 22 ta' Frar 2019
(OR. en)

6795/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0055(NLE)

COASI 34	ECOFIN 237
ASIE 12	COMPET 204
CFSP/PESC 154	RECH 142
COHOM 30	ENER 126
CONOP 15	TRANS 136
COTER 26	TELECOM 87
JAI 216	ENV 210
WTO 60	EDUC 119
FISC 119	EMPL 120

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Frar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 105 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 105 final.

Mehmuż: COM(2019) 105 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.2.2019
COM(2019) 105 final

2019/0055 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt li twaqqaf permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn UE u l-Ġappun

Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubija bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Ġappun, kif ukoll li japprofondixxi u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, filwaqt li jirrifletti valuri u prinċipji komuni. Dan se jsir permezz ta' miżuri, billi jiġi intensifikat id-djalogu f'livell għoli. Il-Ftehim se johlq qafas koerenti u legalment vinkolanti għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Ġappun. Il-Ftehim ġie ffirmat f'Tokyo fis-17 ta' Lulju 2018, u mill-1 ta' Frar 2019 se jiġi applikat b'mod proviżorju.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt twaqqaf bl-Artikolu 42 tal-Ftehim. Il-kompitu ewlieni tiegħu huwa li jikkoordina s-sħubija globali li hija mibnija fuq il-Ftehim, u jiżgura l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim. Il-funzjonijiet l-oħra tal-Kumitat Konġunt jinkludu: li jkun forum fejn jiġi spjegat kull tibdil rilevanti fil-politiki, fil-programmi jew fil-kompetenzi li jkunu rilevanti għal dan il-Ftehim; li jiddeċiedi dwar oqsma oħrajn ta' kooperazzjoni li mhumiex elenkati fil-Ftehim, dment li jkunu konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim; u li jagħmel ħiltu biex isolvi tilwim li jista' jinqala' mill-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet, fejn ikun xieraq, u jiffaċilita aspetti speċifiċi tal-kooperazzjoni abbażi tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jopera b'konsens u jinħtieġ li jiltaqa' darba fis-sena f'Tokyo u fi Brussell b'mod alternat. Il-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

L-għan tal-att previst huwa li jiġu adottati, skont l-Artikolu 42(5) tal-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt, biex isseħħ l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIHEHED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni jenħtieġ li jkollha fil-mira l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-pożizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

4. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, li iżda “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”¹.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit mill-Ftehim ta’ Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa msejjaħ biex jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. Dan għaliex, skont l-Artikolu 42(2)(g) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjonijiet li huma vinkolanti fuq il-Partijiet tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, l-Artikolu 218(9) tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Ir-regoli tal-proċedura jikkonċernaw il-funzjonament ġenerali ta’ korp stabbilit abbażi ta’ ftehim. Għalhekk, il-qasam li fih taqa’ d-deċiżjoni prevista jrid jiġi stabbilit fid-dawl tal-Ftehim kollu kemm hu².

Filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-għadd u n-natura tad-dispożizzjonijiet tal-PESK fil-Ftehim, l-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma’ pajjiżi terzi. Dan huwa l-każ minkejja l-fatt li l-iffirmar tal-Ftehim kien ibbażat fuq l-Artikolu 37 tat-TUE u l-Artikolu 212(1) tat-TFUE. Il-valutazzjoni nbidlet fid-dawl tas-sentenza sussegwenti tal-Qorti fil-kawża C-244/17 il-Kummissjoni vs il-Kunsill (il-Każakistan). Għaldaqstant, l-Artikolu 212(1) tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta.

¹ Il-Kawża C-399/12 il-Ġermanja vs il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61-64.

² Il-Kawża C-244/17 il-Kummissjoni vs il-Kunsill (il-Każakistan), ECLI:EU:C:2018:662, il-paragrafu 40.

4.3. Konklużjoni

Għaldaqstant il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jinħtieġ li tkun l-Artikolu 212(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra³ ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'Tokyo fis-17 ta' Lulju 2018 u ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Frar 2019.
- (2) L-Artikolu 42(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li jikkoordina s-sħubija globali li hija mibnija fuq il-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt").
- (3) L-Artikolu 42(5) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jiġu adottati malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt peress li r-Regoli ta' Proċedura jiddeterminaw kif jaħdem il-Kumitat Konġunt, li għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni korretta tiegħu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 42 tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandha tkun biex il-Kumitat Konġunt jappoġġa l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif stabbilit fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

³ ĠU L 216, 24.8.2018, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*